**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**-omissis-**

**Illum, 28 ta' Settembru 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

-omissis-

Akkużat talli:

“nhar is-27 ta’ Settembru 2018 ghal habta tat-tmienja ta’ filghaxija (08:00p.m) gewwa -omissis-:

Volontarjament ikkagunajt griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ -omissis- *(Art. 221(1), 202(b)(h), 222 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*;”

Akkuzat aktar talli:

“fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika *(Art. 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*;

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghal garanzija ta’ -omissis- skond Artikolu 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurtà u protezzjoni ta’ -omissis- kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leza jew ta’ individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”.

Semghet l-imputat jikkonferma l-htija tieghu;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat -omissis- rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 202(b)(h), 221(1), 222, 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-fedina penali netta tal-imputat, u n-natura u gravità tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, tikkunsidra illi fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz sentenza ta’

prigunerjia effettiva ma hiex idoneja u ghalhekk (1) tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Servizz fil-Komunita ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah mija u hamsin siegha xoghol fil-komunita; u (2) tohrog Ordni ta’ Protezzjoni a favur ta’ -omissis- ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghal zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur